MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 314/2014

**Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Dimitar Nikolaev Dimirov**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ tmint elef, mija u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€8,190.56) liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni ma’ zewg servizzi telefonici cellulari (numru 79686468 u 79777170) bl-akkont numru 40253763 u 40226813 rispettivament, moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors promotur, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-1 ta' Gunju, 2015 u lanqasipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-10 ta' Gunju, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, mija u disghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€8,190.56), bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors promotur, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------